IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.8.2020
COM(2020) 383 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/952 tad-29 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi

1. Daħla

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164[1] tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/952[2] tad-29 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-ATAD"), tistabbilixxi miżuri tal-UE biex jiġu indirizzati l-aktar forom komuni ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa billi tistabbilixxi regoli standard minimi li għandhom jiġu inklużi fil-liġijiet tat-taxxa korporattiva tal-Istati Membri kollha.

L-ATAD tiżgura livell minimu ta' protezzjoni għall-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri kollha, approċċ koerenti u konsistenti kontra l-evitar tat-taxxa fis-suq uniku kollu, u implimentazzjoni kkoordinata tal-UE ta' wħud mir-rakkomandazzjonijiet mill-inizjattiva tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)/G20 kontra l-Proġett dwar l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt (BEPS). L-ATAD tipprevedi miżuri f'ħames oqsma distinti, li l-Istati Membri huma meħtieġa jimplimentaw: ir-regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax, it-tassazzjoni tal-ħruġ, ir-regola dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż ("CFC"), ir-regola dwar id-diskrepanzi ibridi u r-regola ġenerali kontra l-abbuż ("GAAR").

1.1. Il-perjodi ta' żmien għat-traspożizzjoni

Ir-rekwiżiti ewlenin[3] tal-iskeda ta' żmien għat-traspożizzjoni tal-ATAD huma:

Miżura	**Skadenza għat-traspożizzjoni**	**Data tal-applikazzjoni**
Limitazzjoni tal-imgħax, GAAR, u CFC	31 ta' Diċembru 2018	1 ta' Jannar 2019
Tassazzjoni tal-ħruġ, Diskrepanzi ibridi (minbarra d-diskrepanzi ibridi bil-maqlub)	31 ta' Diċembru 2019	1 ta' Jannar 2020
Diskrepanzi ibridi bil-maqlub (ma' pajjiżi terzi)	31 ta' Diċembru 2021	1 ta' Jannar 2022

1.2. Ir-rapport

L-Artikolu 10 tal-ATAD jirrikjedi li l-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tal-ATAD, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-limitazzjoni tal-imgħax, sad-9 ta' Awwissu 2020, u li tirrapporta lill-Kunsill dwarha. B'deroga, id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw id-diskrepanzi ibridi jeħtieġ li jiġu evalwati mill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-rapport huwa l-ewwel pass fl-evalwazzjoni tal-impatt tal-ATAD u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-miżuri bikrija applikabbli tal-ATAD (limitazzjoni tal-

[1] ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1
[2] ĠU L 144, 7.6.2017, p. 1
[3] L-Artikolu 11(6) tal-ATAD jipprevedi deroga fir-rigward tal-limitazzjoni tal-imgħax (aktar dettalji fit-Taqsima 2.1) għal ċerti Stati Membri; L-Artikolu 11(4) jipprevedi ċerta deroga għall-Estonja fir-rigward tat-tassazzjoni tal-ħruġ

imgħax, GAAR, CFC) fl-Istati Membri kollha[4]. Il-pass li jmiss se jikkonsisti fis-sottomissjoni ta' rapport ta' evalwazzjoni komprensiv tal-miżuri tal-ATAD, inkluża ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri tal-ATAD li ma kinux inklużi f'dan ir-rapport.

2. Deskrizzjoni tal-miżuri inklużi l-għażliet u xi approċċi disponibbli għall-Istati Membri

Huwa permess ċertu grad ta' għażla preskritta fit-traspożizzjoni tal-miżuri tal-ATAD. Barra minn hekk, peress li l-ATAD hija direttiva dwar standards minimi, hija tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu regoli aktar restrittivi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom li tittrasponi l-ATAD minn dawk preskritti mid-Direttiva nnifisha, sakemm tali miżuri jkunu konformi mal-libertajiet fundamentali tas-Suq Intern. Ħarsa ġenerali lejn każijiet aktar notevoli fejn l-Istati Membri pprovdew miżuri aktar b'saħħithom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom hija inkluża wkoll f'din it-taqsima.

2.1. Regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax

Ir-*regola dwar il-Limitazzjoni tal-Imgħax* (l-Artikolu 4 tal-ATAD) tillimita t-tnaqqis tal-kostijiet tas-self (netti) eċċessivi tal-kontribwenti b'rabta ma' proporzjon ta' 30 % tal-qligħ taxxabbli tal-kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzament (EBITDA). Minbarra din ir-regola, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu regoli mmirati kontra l-finanzjament tad-dejn intragrupp, bħal regoli dwar is-sottokapitalizzazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw il-pożizzjoni ġenerali tal-entitajiet kollha tal-grupp fl-Istat Membru, inkluża sistema ta' tassazzjoni ta' entità separata, u jistgħu jippermettu t-trasferiment tal-profitti jew tal-kapaċità tal-imgħax bejn l-entitajiet fi ħdan grupp, meta japplikaw regoli li jillimitaw it-tnaqqis tal-imgħax.

L-ATAD tipprevedi li, b'deroga mill-Artikolu 4, l-Istati Membri li għandhom regoli nazzjonali mmirati biex jipprevjenu r-riskji ta' erożjoni tal-bażi u trasferiment tal-profitt fit-8 ta' Awwissu 2016, li huma effettivi daqs ir-regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax stipulata f'din id-Direttiva, jistgħu japplikaw dawn ir-regoli mmirati sa tmiem l-ewwel sena fiskali sħiħa wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-ftehim bejn il-membri tal-OECD fuq is-sit web uffiċjali dwar standard minimu fir-rigward tal-Azzjoni 4 tal-BEPS, iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024. [5]

a) Il-livell tat-tnaqqis tal-kostijiet tas-self eċċessivi fir-rigward tal-EBITDA.

L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-limitu għal inqas minn 30% tal-proporzjon jekk jixtiequ.

b) L-applikazzjoni tal-limitu de minimis jew limitu tal-livell xieraq ta' protezzjoni jiġifieri t-tnaqqis sħiħ tal-kostijiet tas-self eċċessivi sa limitu massimu

[4]Peress li r-Renju Unit mhuwiex parti mill-UE f'dan il-mument, l-implimentazzjoni tar-Renju Unit tal-ATAD mhijiex inkluża f'dan ir-rapport. Ir-Renju Unit kien parti mill-UE meta l-ATAD ġew adottati u sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni tat-tluq tagħhom l-ATAD għadhom applikabbli fir-Renju Unit.

[5] Aktar informazzjoni fit-Taqsima 4.3

Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u ta' konformità tar-regoli mingħajr ma l-effettività tagħhom tonqos b'mod sinifikanti, l-Artikolu 4 jipprevedi li l-Istati Membri huma liberi li jippermettu livell xieraq ta' protezzjoni. Dan il-livell ta' protezzjoni jista' jkun sa ammont fiss ta' EUR 3 miljun ta' kostijiet tas-self eċċessivi bħala li jistgħu jitnaqqsu, irrispettivament mil-limitu ta' tnaqqis ibbażat fuq il-proporzjon tal-EBITDA. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-limitu fiss sabiex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni tal-bażi tat-taxxa domestika tagħhom.

c) Livell ta' tnaqqis għal entitajiet indipendenti

Peress li l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt fil-prinċipju jseħħu permezz ta' pagamenti ta' imgħax eċċessivi, l-aktar bejn entitajiet assoċjati, l-Artikolu 4 jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal esklużjoni ta' entitajiet indipendenti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regola tal-limitazzjoni tal-imgħax minħabba r-riskji limitati tal-evitar tat-taxxa (jiġifieri entitajiet li mhumiex soġġetti għar-regoli dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti).

d) Il-kostijiet tas-self imġarrba fuq is-self, li ġew konklużi qabel is-17 ta' Ġunju 2016

Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għar-regola tal-limitazzjoni tal-imgħax tal-ATAD, l-Artikolu 4 jippermetti lill-Istati Membri jipprevedu klawżola ta' anterjorità li tkopri s-self li kien jeżisti minn qabel sal-punt li t-termini tagħhom ma jiġux modifikati sussegwentement. Fil-każ ta' modifika sussegwenti, l-anterjorità ma tapplika għall-ebda żieda fl-ammont jew fit-tul tas-self iżda tkun limitata għat-termini oriġinali tas-self.

e) L-ispejjeż ta' self imġarrba fuq self użat għall-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura pubblika fit-tul fl-Unjoni Ewropea

Meta wieħed iqis li l-arranġamenti ta' finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura pubblika fit-tul jippreżentaw ftit jew l-ebda erożjoni tal-bażi u riskji ta' trasferiment tal-profitti, l-Istati Membri jistgħu jeskludu l-kostijiet tas-self eċċessivi mġarrba fuq self użat biex jiffinanzja tali proġetti mill-ambitu tar-regoli tal-Artikolu 4 dwar il-limitazzjoni tal-imgħax. Sabiex din l-għażla tintuża, l-operatur tal-proġett, il-kostijiet tas-self, l-assi u l-introjtu għandhom kollha jkunu jinsabu fl-Unjoni.

f) Tnaqqis akbar għal kontribwent, li wieħed ikun membru ta' grupp konsolidat għal finijiet ta' kontabbiltà finanzjarja permezz ta' jew:
f.1. Ir-regola tal-"eżenzjoni abbażi tal-ekwità" skont l-Artikolu 4(5)(a) tal-ATAD, jew
f.2. Ir-regola tal-"proporzjon tal-grupp" taħt l-Artikolu 4(5)(b) tal-ATAD.

Meta l-kontribwent ikun parti minn grupp konsolidat tal-kontabbiltà, id-dejn tal-grupp fuq livell dinji jista' jiġi kkunsidrat għall-fini li jkunu permessi ammonti ogħla ta' tnaqqis tal-kostijiet tas-self eċċessivi. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li kontribwent jingħata d-dritt li juża wieħed minn żewġ approċċi.

Fl-ewwel approċċ, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli għal provvediment ta' eżenzjoni abbażi tal-ekwità, fejn ir-regola tal-limitazzjoni tal-imgħax ma tapplikax jekk il-kontribwent jista' juri li l-ekwità tiegħu fuq il-proporzjon tal-assi totali hija bejn wieħed u ieħor daqs jew ogħla mill-proporzjon ekwivalenti tal-grupp.

Fit-tieni approċċ, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-kontribwenti jnaqqsu ammonti ogħla ta' kostijiet tas-self eċċessivi bbażati fuq id-dejn tal-grupp globali fuq livell dinji fir-rigward ta' partijiet terzi.

g) *L-Istati Membri jistgħu jipprevedu regoli jew:*
   - *g.1. biex jiġu riportati 'l quddiem, mingħajr limitu ta' żmien, il-kostijiet tas-self eċċessivi li ma jistgħux jitnaqqsu fil-perijodu fiskali attwali;*
   - *g.2. biex jiġu riportati 'l quddiem, mingħajr limitu ta' żmien, u lura, għal massimu ta' tliet snin, il-kostijiet tas-self eċċessivi li ma jistgħux jitnaqqsu fil-perijodu fiskali attwali, jew*
   - *g.3. biex jiġu riportati 'l quddiem, mingħajr limitu ta' żmien, il-kostijiet tas-self eċċessivi u, għal perjodu ta' żmien massimu ta' ħames snin, il-kapaċità tal-imgħax mhux użata, li ma tistax titnaqqas fil-perijodu fiskali attwali.*

Sabiex tiġi indirizzata l-volatilità fil-profittabbiltà tal-kontribwent, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-ammont ta' kostijiet tas-self mhux ikkumpensati jew il-kapaċità ta' imgħax ikunu jistgħu jiġu riportat 'l quddiem jew lura. L-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu limitu ta' żmien fuq tali riportar 'il quddiem jew lura biex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni.

h) *Il-pożizzjoni fir-rigward tal-impriżi finanzjarji*

Għalkemm huwa ġeneralment aċċettat li l-impriżi finanzjarji, jiġifieri l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, għandhom ikunu soġġetti huma wkoll għal limitazzjonijiet fit-tnaqqis tal-imgħax, huwa rikonoxxut bl-istess mod li dawn iż-żewġ setturi għandhom karatteristiċi speċjali li jitolbu approċċ aktar personalizzat. Peress li d-diskussjonijiet f'dan il-qasam ma kinux konklussivi biżżejjed fil-kuntest internazzjonali u f'dak Ewropew, ma kienx possibbli li jiġu pprovduti regoli speċifiċi fis-settur finanzjarju u f'dak tal-assigurazzjoni. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu jeskludu lil ċerti impriżi finanzjarji regolati fil-livell tal-UE mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4.

2.2. Ir-regola dwar is-CFC

Ir-regola dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż (l-Artikoli 7 u 8 tal-ATAD) tattribwixxi l-introjtu ta' sussidjarja kkontrollata u ntaxxata b'rata baxxa jew ta' stabbiliment permanenti ("PE") lill-kumpanija omm tagħha jew lill-uffiċċju prinċipali tagħha. Il-kumpanija omm jew l-uffiċċju prinċipali jsiru taxxabbli fuq dan l-introjtu attribwit fl-Istat fejn ikunu residenti jekk it-taxxa korporattiva attwali mħallsa mill-entità kkontrollata/PE fuq l-introjtu tagħha tkun inqas mid-differenza bejn it-taxxa korporattiva li kienet titħallas fuq l-istess profitti fl-Istat Membru tal-kontribwent domestiku/kumpanija omm u t-taxxa korporattiva attwali mħallsa mill-entità/PE fl-istat sors.

a) *Tassazzjoni ta' kategoriji speċifiċi ta' introjtu (l-Artikolu 7(2)(a)) jew introjtu ddevjat b'mod artifiċjali lejn is-sussidjarja/PE (l-Artikolu 7(2)(b))*

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu regoli dwar is-CFC li jimmiraw għal kategoriji speċifiċi ta' introjtu, jew li jkunu limitati għal introjtu li jkun ġie ddevjat b'mod artifiċjali lejn is-sussidjarja/PE.

L-"għażla A" tar-regoli CFC tipprevedi li ċerti kategoriji predefiniti ta' introjtu passiv mhux distribwit (eż. dividendi, imgħax, royalties u introjtu minn attivitajiet finanzjarji) tas-CFC jiġu attribwiti lill-kontribwent (kumpanija omm/uffiċċju prinċipali). L-introjtu li għandu jiġi inkluż taħt l-"għażla A" huwa kkalkulat skont ir-regoli tal-Istat Membru li fih il-kontribwent huwa residenti u skont il-parteċipazzjoni tiegħu fis-CFC.

L-"għażla B" tipprevedi li l-introjtu mhux distribwit tas-CFC minn arranġamenti mhux ġenwini li jkunu ġew stabbiliti għall-iskop essenzjali tal-kisba ta' vantaġġ tat-taxxa jiġi attribwit lill-kontribwent (kumpanija omm/uffiċċju prinċipali). L-attribuzzjoni ta' introjtu ta' CFC għandu jiġi kkalkolat skont il-prinċipju tad-distakkament.

b) Fl-implimentazzjoni tal-"għażla A", l-Istati Membri jistgħu jestendu d-dispożizzjoni ta' eżenzjoni abbażi tas-sustanza għas-CFCs li huma residenti jew li jinsabu f'pajjiż terz li mhuwiex parti mill-Ftehim taż-ŻEE

Biex ikun hemm konformità mal-libertajiet fundamentali tal-UE, l-Artikolu jipprevedi konċessjoni tas-sustanza ekonomika bil-għan li jiġi limitat, fl-Unjoni (u fiż-ŻEE), l-impatt tar-regoli għal każijiet fejn is-CFC ma twettaqx attività ekonomika sostantiva. L-Istati Membri jistgħu jestendu din il-konċessjoni lil pajjiżi terzi.

c) Fl-implimentazzjoni tal-"għażla A", l-Istati Membri jistgħu ma jittrattawx entità/PE bħala CFC jekk terz jew inqas mill-introjtu tagħha jaqa' fil-kategoriji ta' introjtu predefiniti

Bil-għan li jillimitaw il-piż amministrattiv u l-ispejjeż ta' konformità, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lil ċerti entitajiet bi profitti baxxi jew b'marġni ta' profitt baxx li jwasslu għal riskji aktar baxxi ta' evitar tat-taxxa.

d) Fl-implimentazzjoni tal-"għażla A", l-Istati Membri jistgħu ma jittrattawx lill-impriżi finanzjarji bħala CFC, fejn terz jew inqas tal-introjtu tal-kategoriji predefiniti jkun ġej minn tranżazzjonijiet mal-kontribwent jew mal-impriżi assoċjati tiegħu

Bil-ħsieb li jillimitaw il-piż amministrattiv u l-ispejjeż tal-konformità, l-Istati Membri jistgħu ma jittrattawx bħala CFC, ċerti impriżi finanzjarji regolati fil-livell tal-UE, li għalihom terz jew inqas ta' introjtu tal-kategoriji predefiniti jiġu minn tranżazzjonijiet mal-kontribwent jew mal-impriżi assoċjati tiegħu. Dan għaliex impriżi bħal dawn iwasslu għal inqas riskji ta' evitar tat-taxxa.

e) Fl-implimentazzjoni tal-"għażla B", l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli entità jew stabbiliment permanenti:

e.1. bi profitti tal-kontabbiltà ta' mhux aktar minn EUR 750 000, u introjtu mhux kummerċjali ta' mhux aktar minn EUR 75 000; jew

e.2. li l-profitti kontabilistiċi tiegħu jammontaw għal mhux aktar minn 10 % tal-kostijiet operatorji għall-perijodu tat-taxxa.

Bil-għan li jillimitaw il-piż amministrattiv u l-ispejjeż ta' konformità, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lil ċerti entitajiet bi profitti baxxi jew b'marġni ta' profitt baxx li jwasslu għal riskji aktar baxxi ta' evitar tat-taxxa.

f) Definizzjoni usa' ta' CFC

L-Istati Membri huma ħielsa li jsegwu approċċ usa' milli fl-Artikolu 7 meta jiddefinixxu CFC, bħat-tnaqqis tal-limitu tal-kontroll, jew l-użu ta' limitu ogħla fit-tqabbil tat-taxxa korporattiva attwali mħallsa mat-taxxa korporattiva li kienet tiġi imposta fl-Istat Membru tal-kontribwent.

g) L-użu ta' listi bojod, griżi jew suwed

Fit-traspożizzjoni tar-regoli tas-CFC fil-liġi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jużaw listi bojod, griżi jew suwed ta' pajjiżi terzi, li huma kkompilati fuq il-bażi ta' ċerti kriterji stabbiliti fl-ATAD u jistgħu jinkludu l-livell tar-rata tat-taxxa korporattiva, jew jużaw il-listi bojod tal-Istati Membri miġbura fuq dik il-bażi.

2.3. Regola ġenerali kontra l-abbuż

Ir-*Regola ġenerali kontra l-abbuż* (l-Artikolu 6 tal-ATAD) tindirizza l-prattiki abbużivi tat-taxxa li ma ġewx indirizzati permezz ta' dispożizzjonijiet immirati speċifikament u ma taffettwax l-applikabbiltà ta' regoli speċifiċi kontra l-abbuż. L-ATAD teħtieġ li l-GAARs jiġu applikati għal arranġamenti li mhumiex ġenwini, peress li l-kontribwent għandu d-dritt li jagħżel l-aktar struttura effiċjenti tat-taxxa għall-affarijiet kummerċjali tiegħu. Meta jevalwaw jekk arranġament għandux jitqies bħala ġenwin, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ir-raġunijiet ekonomiċi validi kollha, inklużi l-attivitajiet finanzjarji.

2.4. It-tassazzjoni tal-ħruġ

It-*Tassazzjoni tal-ħruġ* (l-Artikolu 5 tal-ATAD) tiżgura li meta kontribwent iċaqlaq assi jew ir-residenza tat-taxxa tiegħu barra minn Stat Membru, dak l-Istat jintaxxa l-valur ekonomiku ta' kwalunkwe qligħ kapitali maħluq fit-territorju tiegħu anki jekk dak il-qligħ ikun għadu ma ġiex irrealizzat meta jsir il-ħruġ. Il-qligħ jiġi kkalkulat fuq il-valur tas-suq tal-assi trasferiti fil-ħin tal-ħruġ tal-assi (abbażi tal-prinċipju ta' distakkament).

Fi ħdan l-Unjoni Ewropea, jeħtieġ li tiġi indirizzata l-applikazzjoni tat-tassazzjoni tal-ħruġ u jiġu spjegati l-kundizzjonijiet biex wieħed ikun konformi mal-liġi tal-Unjoni Ewropea. F'dawk is-sitwazzjonijiet, il-kontribwenti jkollhom id-dritt li jew iħallsu minnufih l-ammont ta' taxxa tal-ħruġ ivvalutat, jew jiddifferixxu l-ħlas tal-ammont tat-taxxa billi jħallsuh f'pagamenti rateali fuq ċertu numru ta' snin. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-imgħax fuq it-taxxa differita, u jistgħu jirrikjedu li l-kontribwenti jipprovdu garanzija bħala kundizzjoni għad-differiment tal-ħlas tat-taxxa tal-ħruġ meta jkun hemm riskju li jista' jintwera u attwali ta' nuqqas ta' rkupru.

2.5. Ir-regola dwar id-diskrepanzi ibridi

Ir-regola dwar id-diskrepanzi ibridi (l-Artikoli 9, 9a u 9b tal-ATAD introdotta bid-Direttiva emendatorja) tinnewtralizza l-effetti tat-taxxa fuq l-arranġamenti ibridi. Id-diskrepanzi ibridi huma differenzi bejn is-sistemi tat-taxxa li jistgħu jiġu sfruttati biex jinkisbu: (i) nontassazzjoni doppja; (ii) tnaqqis doppju; (iii) tnaqqis mingħajr inklużjoni u (iv) non-tassazzjoni mingħajr inklużjoni. Dawn id-diskrepanzi jistgħu sussegwentement jirriżultaw f'erożjoni tal-bażi.

L-ATAD tipprevedi regoli biex jiġu miġġielda d-diskrepanzi ibridi li jirriżultaw bejn l-Istati Membri tal-UE u ma' pajjiżi terzi, inklużi diskrepanzi importati, diskrepanzi ibridi bil-maqlub u diskrepanzi tar-residenza tat-taxxa.

L-ATAD tippermetti xi opzjonalità fl-ambitu taċ-ċaħda ta' tnaqqis fil-ġurisdizzjoni tal-pagatur f'ċerti ċirkostanzi u fl-esklużjoni mill-ambitu ta' ċerti diskrepanzi ibridi li jirriżultaw minn pagament ta' imgħax taħt strument finanzjarju lil impriża assoċjata sal-31 ta' Diċembru 2022.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni

Din it-taqsima tipprovdi ħarsa ġenerali lejn kif l-Istati Membri implimentaw miżuri differenti tal-ATAD fuq il-bażi tal-konċessjonijiet, l-għażliet u l-approċċi differenti. Il-format u r-referenzjar f'din it-taqsima jsegwu t-Taqsima 2.[6]

3.1. Regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax

Referenza		
2.1.a	30 % tal-EBITDA	Inqas minn 30 % tal-EBITDA
	22	1
2.1.b	EUR 3 miljuni	Inqas minn EUR 3 miljun
	16	6
2.1.c	Eżenzjoni ta' entità awtonoma	L-ebda eżenzjoni ta' entità awtonoma
	9	18
2.1.d	Self qabel is-17 ta' Ġunju 2016 eskluż	Self qabel is-17 ta' Ġunju 2016 mhux eskluż
	9	18
2.1.e	Self ta' infrastruttura pubblika eskluż	Self ta' infrastruttura pubblika mhux eskluż
	16	11
2.1.f	Eżenzjoni abbażi tal-ekwità disponibbli	Regola tal-proporzjon tal-grupp disponibbli
	8	6
2.1.g	Għażla g.1 bi jew mingħajr limitazzjoni taż-żmien	Għażla g.3
	20	1
2.1.h	Impriżi finanzjarji esklużi	Impriżi finanzjarji mhux esklużi
	17	10

[6] L-għadd ta' Stati Membri li jagħżlu diversi għażliet indikati fit-tabella ma jammontawx neċessarjament għal 27 peress li xi whud mill-Istati Membri għadhom ma ttrasponewx il-miżuri kollha tal-ATAD. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali mill-Kummissjoni għadha għaddejja.

3.2. Ir-regola dwar is-CFC

Referenza				
2.2.a	"Għażla A" implimentata		"Għażla B" implimentata	
	16		10	
2.2.b	Id-dispożizzjoni dwar l-eżenzjoni abbażi tas-sustanza estiża għal pajjiżi terzi		Id-dispożizzjoni dwar l-eżenzjoni abbażi tas-sustanza mhux estiża għal pajjiżi terzi	
	10		5	
2.2.c	klawżola tat-terz jew inqas tal-eżenzjoni abbażi tal-introjtu implimentata		klawżola tat-terz jew inqas tal-eżenzjoni abbażi tal-introjtu mhux implimentata	
	12		3	
2.2.d	klawżola tat-terz jew inqas tal-eżenzjoni abbażi tal-introjtu għal impriżi finanzjarji implimentata		klawżola tat-terz jew inqas tal-eżenzjoni abbażi tal-introjtu għal impriżi finanzjarji mhux implimentata	
	5		10	
2.2.e	Klawżola tal-eżenzjoni abbażi tal-profitt tal-kontabbiltà baxx jew marġni ta' profitt prevista		Klawżola tal-eżenzjoni abbażi tal-profitt tal-kontabbiltà baxx jew marġni ta' profitt mhux prevista	
	7		3	
2.2.f	Definizzjoni usa' ta' CFC		L-ebda definizzjoni usa' ta' CFC	
	17		10	
2.2.g	Lista bajda	Lista sewda	Lista bajda u sewda	L-ebda lista bajda, griża jew sewda
	1	7	1	18

3.3. GAAR

Ma hemmx għażliet disponibbli għall-Istati Membri jew approċċi speċifiċi meħuda mill-Istati Membri fit-traspożizzjoni tal-GAAR li jeħtieġ jiddaħħlu f'din it-taqsima.

3.4. It-tassazzjoni tal-ħruġ

Kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, il-ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tat-tassazzjoni tal-ħruġ bejn Stat Membru u ieħor se tkun inkluża fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-ATAD.

3.5. Ir-regola dwar id-diskrepanzi ibridi

Kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, il-ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tar-regola dwar id-diskrepanzi ibridi bejn Stat Membru u ieħor se tkun inkluża fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-ATAD.

4. Il-kompletezza u l-konformità tat-traspożizzjoni tal-ATAD mill-Istati Membri

4.1. Azzjonijiet previsti mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha u adegwata tal-ATAD mill-Istati Membri

Kif imħabbar fil-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni 2016 — Id-dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar",[7] il-Kummissjoni tieħu diversi azzjonijiet biex tiżgura l-applikazzjoni xierqa tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri. Dawn l-azzjonijiet jinkludu (i)

[7] ĠU C 18 tad-19 ta' Jannar 2017, p. 10.

djalogu mal-Istati Membri u assistenza lilhom fil-bini tal-kapaċità tagħhom kif ukoll (ii) it-twettiq ta' proċeduri formali ta' ksur għall-ksur tad-dritt tal-UE. Iż-żewġ tipi ta' azzjonijiet ittieħdu mill-Kummissjoni biex tiżgura implimentazzjoni u applikazzjoni xierqa tal-ATAD 1 mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha d-dmir li teżamina n-notifiki f'**żewġ stadji**: (i) **il-kompletezza** tan-notifiki u (ii) **il-konformità** tal-miżuri notifikati mad-Direttivi.

4.2. Azzjonijiet ta' "bini tal-kapaċità" meħuda qabel id-data ta' skadenza għall-implimentazzjoni tal-ATAD

Fl-2018, il-Kummissjoni organizzat seminar mad-delegati tal-Istati Membri biex tiddiskuti l-kwistjonijiet legali li tqajmu waqt l-abbozzar tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni. Dan kopra diskussjoni dwar mistoqsijiet imressqa minn qabel mill-Istati Membri mal-persunal espert tal-Kummissjoni.

4.3. Kontrolli ta' traspożizzjoni u proċeduri ta' ksur minħabba nuqqas ta' notifika ta' miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali jew traspożizzjoni mhux xierqa tal-ATAD

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali sal-iskadenzi stabbiliti fid-Direttiva (il-31 ta' Diċembru 2018 għan-notifika ta' 3 miżuri: Limitazzjoni tal-imgħax, GAAR u CFC).

F'każ li ma tiġix notifikata l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tiftaħ proċeduri ta' ksur *ex officio* għal nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri meħtieġa (ftit wara l-iskadenza għan-notifiki stabbiliti fid-Direttivi rispettivi). Infetħu tnax-il każ bħal dawn (għaxra f'Jannar 2019[8] u tnejn oħra f'Lulju 2019[9]).

Bħalissa erba' Stati Membri għadhom ma kkonformawx bis-sħiħ mal-obbligi tagħhom li jadottaw u li jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni.[10] Ingħalqu tmien proċeduri ta' ksur minħabba l-konformità tal-Istati Membri.[11]

Barra minn hekk, il-Kummissjoni fetħet każijiet ta' ksur kontra l-Istati Membri li naqsu milli jinnotifikaw miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għat-tassazzjoni tal-ħruġ[12] u diskrepanzi ibridi,[13] li kellhom jiġu trasposti sal-31 ta' Diċembru 2019.

---

[8] L-ittri ta' intimazzjoni kienu indirizzati lil: il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Latvja, il-Portugall u r-Renju Unit, segwiti minn opinjoni motivata lid-Danimarka f'Lulju 2019 (ara l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni Ewropea INF/19/4251 tal-25 ta' Lulju 2019, punt 13 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_19_4251).

[9] L-ittri ta' intimazzjoni kienu indirizzati lill-Awstrija u lill-Irlanda. Iż-żewġ proċeduri jikkonċernaw in-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-Artikolu 4 tal-ATAD (miżura ta' limitazzjoni tal-imgħax), segwiti minn opinjonijiet motivati f'Novembru 2019 (ara l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni Ewropea INF/19/6304 tas-27 ta' Novembru 2019, il-punt 8 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_19_6304). Iż-żewġ Stati naqsu milli jinnotifikaw tali miżuri, għalkemm id-dispożizzjonijiet tagħhom ta' limitazzjoni tal-imgħax ta' qabel l-ATAD ma kinux meqjusa bħala "ugwalment effettivi" mill-Kummissjoni, ara l-Avviż tal-Kummissjoni "Miżuri meqjusa ugwalment effettivi għall-Artikolu 4 tad-Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa", ĠU C 441 tas-7 ta' Diċembru 2018, p. 1.

[10] L-Awstrija, id-Danimarka, Spanja u l-Irlanda.

[11] Il-każijiet kontra l-Belġju, Ċipru, iċ-Ċekja, Franza, il-Greċja, il-Portugall u r-Renju Unit ingħalqu f'Lulju 2019 (ara l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni Ewropea INF/19/4251 tal-25 ta' Lulju 2019, il-punt 13 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_19_4251) u l-każ kontra l-Latvja ngħalaq f'Ottubru 2019 (l-ebda stqarrija għall-istampa ma akkumpanjat lid-deċiżjoni).

4.4. Is-sitwazzjoni attwali rigward il-kontrolli tat-traspożizzjoni

Tabella tal-kontrolli tat-traspożizzjoni tal-ATAD - Is-Sitwazzjoni Attwali - Awwissu 2020[14]

ATAD:	**Limitazzjoni tal-imgħax, GAAR, u CFC**		**It-tassazzjoni tal-ħruġ**		**Diskrepanzi ibridi (**l-ewwel skadenza**)**	
Stat membru	*Verifiki tal-kompletezza:*	*Verifiki tal-konformità*	*Verifiki tal-kompletezza:*	*Verifiki tal-konformità*	*Verifiki tal-kompletezza:*	*Verifiki tal-konformità*
Il-Belġju	OK	INFR				
Il-Bulgarija	OK					
Ir-Repubblika Ċeka	OK					
Id-Danimarka	INFR					
Il-Ġermanja			INFR		INFR	
L-Estonja	OK					
L-Irlanda	INFR					
Il-Greċja	OK	OK	INFR		INFR	
Spanja	INFR		INFR		INFR	
Franza	OK	OK				
Il-Kroazja						
L-Italja	OK					
Ċipru	OK				INFR	
Il-Latvja	OK	OK	INFR		INFR	
Il-Litwanja	OK	OK				
Il-Lussemburgu	OK	INFR				
L-Ungerija						
Malta	OK	OK				
In-Netherlands						
L-Awstrija	INFR		OK	OK		
Il-Polonja	OK	OK			INFR	
Il-Portugal	OK	INFR	INFR			
Ir-Rumanija	OK		INFR		OK	OK
Is-Slovenja	OK	OK				
Is-Slovakkja	OK	OK				
Il-Finlandja	OK	OK	OK	OK		
L-Iżvezja	OK	OK	OK	OK		

5. Xogħol futur

Filwaqt li dan ir-rapport huwa l-ewwel pass fl-evalwazzjoni tal-impatt tal-ATAD u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-miżuri bikrija tal-ATAD applikabbli madwar l-Istati Membri, huwa previst li jiġi ppubblikat rapport ta' evalwazzjoni komprensiv tal-miżuri tal-ATAD, preferibbilment sal-1 ta' Jannar 2022. Madankollu, iż-żmien tat-tlestija ta' dan ir-rapport ta' evalwazzjoni komprensiv se jiddependi sa ċertu punt fuq il-ħtieġa li l-ATAD tiġi riveduta minħabba żviluppi tal-UE jew żviluppi internazzjonali oħrajn fid-diskussjonijiet dwar il-prevenzjoni ta' prattiki tal-evitar tat-taxxa korporattiva.

[12] L-ittri ta' intimazzjoni kienu indirizzati lil: Il-Ġermanja, il-Greċja, il-Latvja, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja.

[13] L-ittri ta' intimazzjoni kienu indirizzati lil: Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija u Spanja.

[14] Spjegazzjoni tal-abbrevjazzjonijiet użati fit-tabella: "OK" - verifiki tal-kompletezza/konformità mwettqa; "INFR" - il-proċedura ta' ksur għadha għaddejja; "ċellula vojta" – tfisser valutazzjoni kontinwa.